# LEJN IL-BIDU TAS-SEKLU

Meta xi ħadd isemmi l-imgħoddi, il-ħsieb mal-ewwel imur fuq mijiet ta' snin ilu. Iżda kemm minħabba r-ritmu mgħaġġel tal-progress kif ukoll minhabba l-qerda l-kbira li gabet magħha l-gwerra, Ħal-Luqa qabel l-1940 kienet ferm differenti minn dik tal-lum.

Biżżejjed wieħed iħares lejn mappa ta' qabel il-gwerra biex jara d-differenza. Tumoli kbar ta' għelieqi kienu jfirdu lil Ħal-Luqa mill-irħula li llum imissu magħha. Barra minn hekk toroq li llum huma stabbiliti lanqas biss kienu jeżistu. Il-popolazzjoni tar-raħal fl-1901 kienet ta' 2566 li hu bejn wieħed u ieħor nofs il-popolazzjoni tal-lum. It-toroq tar-raħal kienu dojoq iżda r-raħal kien meqjus bħala l-ħolqa li kienet tgħaqqad il-Belt man-naħat t'isfel ta' Malta.

Il-pjazza l-wiesgħa ta' quddiem il-knisja ma kenitx teżisti. Minflokha kien hemm blokk bini antik b'parti minnu mġarraf, magħruf bħala d-Dawra ż-Żgħira. Dan eventwalment twaqqa' fl-1925.
Il-knisja parrokkjali kienet żgħira ħdejn dik tal-lum. Il- kappillan Grima fl-1901 kiteb lill-Isqof u qallu li "ir-raħal tant kiber li l-knisja parrokkjali ta' Sant'Andrija mibnija 170 sena ilu ma tesax ħlief wieħed minn kull tlieta tal-popolazzjoni". Fl-1 ta' Mejju 1901, l-Isqof Pietru Pace ta l-approvazzjoni tiegħu biex jinbnew in-navi.

Minbarra xogħol strutturali fuq il-knisja, saru wkoll qniepen ġodda. Dawn saru fi żmien il-kappillan Magri u ħadu post oħrajn magħmula fil-bidu tas-seklu dsatax. Il-qniepen saru mid-ditta Prospero Baricozzi ta' Milan. Tbierku mill-Isqof Mauro Caruana fis-27 ta' Ottubru 1928. Il-qniepen iż-żgħar ġew iddedikati lil Qalb ta' Ġesù, il-Kunċizzjoni, San Ġużepp u San Feliċissimu u ttellgħu fil-kampnar ftit jiem wara t-tberik. Il-qanpiena l-kbira ġiet iddedikata lil

Sant'Andrija u ttellgħet fit-18 ta' Novembru 1928.

Fil-pjazza kien hemm waħda minn erba' pompi li kienu mqassmin mar-raħal biex joffru s-servizz ta' l-ilma f'Ħal-Luqa. Ħdejha kienu jingabru in-nisa ta' Ħal-Luqa biex jaħslu l-ħwejjeġ. L-ilma l-ħażin kienu jarmuh fl-istess post. Sistemi ta' drenaġġ ma kienx hawn f'Ħal-Luqa. Ix-xogħol beda fl-1928 u baqa' sejjer sa wara l-gwerra. Minbarra l-pompa fil-pjazza, kien hemm tlieta oħra fi Triq Sant'Andrija, Triq il-Karmnu u Triq San Ġużepp. Il-kanen ta' l-ilma twasslu sar-raħal lejn tmiem is-seklu dsatax. Għall-bidu l-ilma kien jiġi mill-Fawwara. Meta mbagħad inbena l-ġibjun ta' Schinas fi Triq Ħal-Qormi, l-ilma beda jasal minn hemm. Kien biss fl-1924 li l-Ħal-Luqin setgħu jinqdew bis-servizz ta' l-ilma fid-djar tagħhom.

Id-dawl elettriku kien biss ħolma fir-raħal meta beda dan is-seklu. Matul il-lejl fit-toroq kienu jinxtegħlu fanali bil-lampi tal-pitrolju. Sal-1910 kien hemm erbgħin fanal fir-raħal u fl-1927 żdiedu għal erbgħa u ħamsin. Quddiem il-knisja kien ikun hemm żewġ bozoz tal-brazzi. Wara l-gwerra minflok il-fanali tal-pitrolju bdew jitwaħħlu brazzi bid-dawl elettriku. Iżda d-dawl elettriku wasal Ħal-Luqa ferm qabel il-gwerra, eżattament f'Novembru 1928 u ġie użat ghall-mixgħela tal-festa ta' Sant'Andrija ta' dik is-sena. Għall-ewwel darba fl-istorja tar-raħal, il-bozoz ta' l-elettriku ħadu post it-tazzi taż-żejt mal-ħitan. Sena wara, f'Ottubru 1929, id-dawl elettriku daħal ukoll fid-djar tan-nies.

Kien fl-1910 li saru l-ewwel pjanijiet biex jiġi nstallat it-telefon f'Malta. Il-linja waslet fir-raħal fil-bidu tal-1936. Qabel ma seħħ dan il-Ħal-Luqin kien ikollhom imorru jċemplu mill-Għassa tal-Pulizija. Sal-1943, ħamest idjar biss f'Ħal-Luqa kellhom it-telefon.

It-trasport pubbliku ma kienx jeżisti f'Ħal-Luqa fil-bidu tas-seklu. Kull min kellu bżonn jivvjaġġa kellu juża il-karozzini. Is-servizz tat-tramm u tal-Ferrovija qatt ma resqu lejn ir-raħal. Meta bdew deħlin il-

karozzi hekk imsejħa "tan-nar" f'Malta bdew is-servizzi mhux regolari fir-raħal. Is-servizz ta' karozza tal-linja bejn il-Belt uż-Żurrieq (inkluż Luqa) beda jitħaddem regolarment fl-1931. Il-kulur li ntagħżel kien oranġjo.

Fil-bidu tas-seklu, it-tfal tar-raħal kienu jirċievu t-tagħlim taghhom f'postijiet differenti minn dawk tal-lum. L-ewwelnett l-iskola li hemm illum ma kenitx teżisti. It-tfal kienu mferrxin mar-raħal fi djar privati mikrija mill-Gvern. L-iskola tas-subien kienet fi Triq San Pawl fil-waqt li dik tal-bniet kienet fi Triq San Ġorġ. Dawn il-klassijiet kienu neqsin minn hafna ħtiġijiet. L-iskola l-ġdida tlestiet fl-1930. Interessanti hu l-fatt li kien hemm proposti biex l-iskola l-ġdida tinbena fi Triq id-Dokkiena minflok fil-post fejn tinsab illum.

It-tagħlim tad-Duttrina kien isir fil-knisja parrokkjali. Meta laħaq kappillan Dun Anton Vella fl-1903 dan it-tagħlim beda jsir fil-knisja tal-Ftajjar. Iktar tard twaqqfet il-kongregazzjoni "Figlie di Maria" għat-tagħlim tad-duttrina għax-xebbiet (1908) u l-Mużew għas-subien (1912).

Iżda l-akbar opra li llum hi ħaġa waħda mar-raħal hi l-ajrudrom ta' Ħal-Luqa li x-xogħol tiegħu beda fl-1937. L-art li fuqu kien inbena kienet tifred lil Ħal-Luqa mill-irħula tan-nofs inhar ta' Malta u x-xjuħ tar-raħal jiftakru li din l-art kienet kollha raba'. Il-mitjar tiegħu kien intagħmel mit-tarmak, apposta biex ikun jiflaħ għal kull tip ta' temp. Kienet ħaġa komuni li l-ajrudromi l-oħra ta' Malta ma jkunux tajbin għal tlugħ u nżul f'mal-temp peress li dawn kellhom il-mitjar tal-ħaxix.

Kienet il-qerda li ġabet magħha l-gwerra li bidlet għal kollox id-dehra ġenerali tar-raħal. Tista' tgħid li ma kienx hemm triq fir-raħal li ma kelliex bini mwaqqa' fiha tant li fil-bidu ta' l-1941 il-gvernatur Dobbie kien issuġġerixxa li l-Ħal-Luqin jigu evakwati kollha f'irħula oħra.

**JESMOND CAMILLERI**


Riferenzi:
*Ħal-Luqa - Niesha u Grajjietha*